**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 346/2018*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**-vs-**

**Ruth Borda, detentriċi tal-karta ta l-identita` nru. 190783M**

**Illum:** 17 ta' Frar, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata Ruth Borda u cioe` talli:

**Nhar id-29 ta' Jannar, 2018, ghall-habta ta l-04:10 ta' wara nofs in-nhar minn gewwa t-Triq Belt Valletta, Rahal il-Gdid:**

1. Ikkomettiet serq ta' vettura ta' ghamla Toyota Corolla bin-numru tar-registrazjoni JEC108, ghad-detriment ta Alessandro Tabone u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa liema ammont **jeċċedi** is-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin ċentezmu (2,329.37);

**Nhar id-29 ta' Jannar, 2018, ghall-habta ta' bejn it-08:00 ta' filghodu u l-05:00 ta' wara nofs in-nhar minn gewwa t-Triq Belt Valletta, Rahal il-Gdid:**

2. Ikkomettiet serq ta' *sports bag u running shoes*, ghad-detriment ta' Antoine Ellul u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, liema ammont **ma jeċċedix** is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94);

**F'xi hin nhar is-16 ta' Mejju, 2018, minn gewwa Triq il-Lembi, Sliema**:

3. Ikkomettiet serq ta' vettura ta ghamla Audi bin-numru tar-registrazjoni ECB885, ghad-detriment ta' Austin Agius u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa liema ammont **jeċċedi** is-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin ċentezmu (2,329.37);

**Fid-29 ta' Mejju, 2018, ghal-habta tat-08:30 ta' filghaxija minn gewwa Triq tal-Labour, Naxxar:**

4. Ikkometiet serq ta *portmoney [sic] tad-ditta Furla* u flus kontanti, ghad-detriment ta' Elaine Pavia u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa liema ammont **jeċċedi** is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94);

5. Irrifjutat taghti, jew taghat falz, lil uffiċjal pubbliku/i jew lil wiehed iehor li kienu nkarigati minn servizz pubbliku waqt li kienu qedghin jaghmlu d-dmirijiet taghhom, isimha, kunjomha, fejn toqghod u partikularijiet ohra ;

**Fix-xahar ta' Mejju, 2018, f'dawn il-gzejjer:**

6. Naqset milli thares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Natasha Galea Sċiberras LL.D., fid-digriet datat id-09 ta Mejju, 2018, li permezz tieghu hija nghatat il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, , tirrevoka 'ċontrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' Ruth Borda. Kif ukoll, li tordna li s-somma ta' depozitu jew propjeta` garanti ghall-din is-somma, kif ukoll kull somma ta' flus ohra bhala garanzija personali, li gew imposti fuqha sabiex taghmel tajjeb ghall-benefiċċju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ukoll mitluba sabiex titratta mal-imputata bhala reċidiva u dan wara li nghatat diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definitivi u ma jistawx jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[1]

1. Fl-artikoli 261(ċ)(g), 267, 271(g), 279(a)(b), 280(1) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 261(b)(g), 263, 264, 265, 266, 271(g), 278(1)(2) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 261(ċ)(g), 267, 271(g), 279(a)(b), 280(1) u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 261(ċ)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(a)(b), 280(1) u 281(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 338(g) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
8. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385 u 386 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
9. Fl-artikoli 17, 20, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata m'ghandha l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat-

Serq minn Rahal il-Gdid

**L-Ispettur Chantelle Casha** spjegat kif fid-29 ta' Jannar, 2018, giet infurmata mill-Ghassa Rahal il-Gdid li waqt li certu Alessandro Tabone dahal l-ghassa jiffirma l-*bail book,* persuna femminili kienet serqet il-vettura tieghu. Kellha xaghar skur, flokk car u kienet liebsa gakketta skura. Ftit minuti wara ghamel rapport Antoine Ellul li persuna femminili kienet hadet xi affraijiet mill-vettura tieghu li kienet pparkjata quddiem l-ghassa. Minn *footage* li rat il-pulizija dehret mara tidhol fil-vettura LAU651, issuqha bicca, ma jirnexxiliex, tohrog minnha, tiehu xi affarijiet mill-bagoll u titlaq tigri l-isfel u taqsam it-triq. Dan il-*footage* kien akkwistah Ellul minghand persuna li toqghod fl-istess triq u pproceda biex ghamel *uploading* tieghu fuq Facebook minn fejn intgharrfet l-imputata li kienet maghrufa anke mill-Pulizija mill-ghassa ta' Haz-Zabbar.[2] Ir-reati twettqu fl-istess perjodu li kien wiehed qasir u d-deskrizzjoni moghtija miz-zewg derubati

[1] Fol.304

[2] Fol.14

tal-halliela kienet l-istess.[3] Id-deskrizzjoni moghtija minn Tabone kienet taqbel mad-deskrizzjoni tal-persuna li dehret tisraq lil Ellul fil-*footage* li kien ittiehed mill-pulizija minghand l-Avukat Dr. Testaferrata Moroni Viani.[4] L-ispettur ipprezentat *stills* mehuda mill-imsemmi *footage*.[5]

Gew prezentati l-**Current Incident Reports** relattivi ghaz-zewg rapporti msemmija.[6] Alessandro Tabone kien rraporta li nsterqet il-vettura tieghu JEC108 wara li halla c-cavetta fl-ignition. Ra l-vettura sejra lejn Triq Bormla.[7] Antoine Ellul kien rraporta li mill-vettura LAU651 insteraqlu l-*sport bag* u xi affarijiet tat-*training*. Kien nesha l-bieba tax-xufier miftuha.[8] (No Mezz???)

(i) Serq b'detriment ta' Antoine Ellul

**PC1257 Conrad Ellul** kkonferma ir-rapport dwar serq tal-vettura Toyota.[9] Xehed ukoll li kien prezenti meta Ellul ghamel ir-rapport tieghu.[10] Ikompli li baghat lil PC9 jara *cctv* li kienet sitwata ftit l-isfel mill-ghassa, u mill-*stills* li ra, lemah mara diehla gol-vettura, saqitha ftit passi, waqfitha, harget, fethet il-bieba ta' wara, hadet il-baskett u baqghet sejra.[11] **WPC291 Amanda Dimech** ikkonfermat ir-rapport dwar serq b'detriment ghal Ellul.[12]

**PC185 Roger Mifsud** xehed li fid-29 ta' Jannar, 2018, ittella' filmat fuq Facebook mill-habib tieghu Antoine Ellul. Fih dehret persuna tisraqlu xi haga mill-vettura tieghu. Hu gharaf lil din il-persuna bhala l-imputata w informa lill-ispettur Casha.[13]Gharafha peress li kien jafha kemm bhala pulizija kif ukoll minn tfulitu.[14] Ellul kien jipparkja l-vettura tieghu quddiem l-ghassa.[15]

**WPC153 Sasha Vassallo** xehdet kif Antoine Ellul kien irraporta li nsteraqlu baskett mill-vettura tieghu LAU561 li kienet ipparkjata fi Triq il-Belt Valletta

[3] Fol.15
[4] Fol.16
[5] **Dok.CC2** a fol. 25
[6] **Dok.CC** a fol. 19 et seq u **Dok.CC1** a fol. 22 et seq.
[7] Fol.20
[8] Fol.24
[9] Fol.57. **Dok.CC** a fol.19 et seq
[10] **Dok.CC1** a fol. 22 et seq
[11] Fol.58
[12] Fol.60-61. **Dok.CC1**
[13] Fol.62-63
[14] Fol.65
[15] Fol.67

Rahal il-Gdid. Kien gab filmat li tella' fuq Facebook.[16] Ikkonfermat il-**Current Incident Reports** esebiti.[17]

**PC9 Aaron Cini** spjega kif Antoine Ellul kien ghamel rapport li nsterqulu xi affarijiet mill-vettura tieghu li kienet ipparkjata quddiem l-ghassa. *"U s-Surgent talabni biex imur nara l-cameras biex naraw jidhirx xi haga fil-filmat. Rajt il-cameras dak ilhin ghax kien hemm l-owner u rajt il-cameras. Bdejna naraw il-cameras u tidher persuna femminili ta' statura zghira tidhol gol-karozza, instaqet il-karozza ftit umbaghad dahlet fuq wara u hadet xi affarijiet millkarozza u telqet l'hemm.... LAU651 Subaru J10."*[18]

**L-Ispettur Elton Taliana** esebixxa l-*footage*[19] li juri serq mill-vettura LAU651 flimkien ma hames *stills*[20] mnizzla minnu li fih <u>tidher Ruth Borda tiftah l-istess vettura</u>.[21]

Il-Qorti ma ssibx difficulta tiddentifika lill-imputata li tidher tiftah il-vettura LAU651, ghalkemm dak in-nhar xaghrha kien itwal dakinhar li jirreferu ghalihom l-*footage* u l-*stills*.

**Antoine Ellul** xehed li kien jahdem faccata tal-ghassa ta' Rahal il-Gdid. Spicca mix-xoghol u mar fil-vettura tieghu pero` kien nesa' jippunccja u dar lura. Kif rega' mar fil-karozza nduna li kellu l-*gym bag* misruq u ghalhekk gab is-*cctv footage* minghand sid ta' dar li tigi fuq il-post fejn kien jahdem. Jiddeskrivi li fil-filmat tidher mara gejja minn naha t'isfel tat-triq, tidhol fil-karozza, tipprova issuqha u wara tohrog mill-karozza bil-basket. <u>Indika lill-imputata bhala dik il-persuna li tidher fil-filmat. Il-valur ta' dak misruq kien xi €200</u>.[22] Kien ghalhekk li l-imputatat ma gietx addebitata bl-aggravju tal-valur.

<u>Ghalhekk mill-provi akkwiziti din l-imputazzjoni numru 2 giet soddisfacentement ippruvata ghajr ghall-kwalifika tal-mezz</u>**.**

---

[16] Fol.179-180

[17] Fol.180. **Dok.CC** u **Dok.CC1** a fol. 19 et seq.

[18] Fol.182-183

[19] **Dok.ETZ** a fol.235

[20] **Dok.ETZ375** a fol.234 li huma kopja ta' stills esebiti precedentement **bhala Dok.CC2** a fol. 25

[21] Fol.231-231.

[22] Fol.257-259

(ii) Serq ta' Toyota Corolla b'Detriment ta' Alessandro Tabone

**PS1021 Christian Cauchi**[23] esebixxa **Current Incident Report**[24] dwar incident bejn vettura u *crane* fit-Telgha t'Alla w Ommu. Il-vettura bin-numru JEC108, tal-ghamla Toyota Corolla, kienet telqet mill-post u ftit tal-hin wara instabet taqbad ftit il-boghod minn fejn sehh l-incident. Din kienet qed tinstaq minn guvni.[25]

**Alessandro Tabone** xehed kif hekk kif hareg mill-ghassa ta' Rahal il-Gdid **ra lill-imputata diehla gol-vettura tieghu Toyota Corolla bajda numru GEC108 [recte:JEC]** ***"Rajtha diehla gol-karozza u telqet".*** *Il-*vettura kienet ilha ghandu 3 snin u xtraha €5,000.[26] Rega mar l-ghassa u ghamel rapport. Jiddeskrivi t-triq li din hadet *"Daret nghidilha jien lejn Moran, qisek sejjer lejn Bormla jew lejn il-Fgura".*[27] Wara gie nfurmat mill-pulizija tan-Naxxar li din il-vettura nghatat in-nar wara li kienet involuta f'incident ma *crane*. Meta wasal fuq il-post tal-incident ra li *number plate* kien ghadu mwahhal mal-*crane* fit-Telgha t'Alla w Ommu.[28] Ra l-vettura mahruqa fil-parti li taghti ghal Gharghur.[29]

L-espert **Mark Micallef** gie mahtur biex jaghti valutazzjoni tal-vettura Toyota: *"JEC 108, jien meta kellimt lil sidha indikali li l-karozza inharqet wara l-incident, pero' b'koincidenza din il-karozza kont rajtha l-Atlas Insurance, ha nipprezentalkom xi ritratti taghha kif inhi. Issa jien qed nikkalkula li din il-karozza, l-valur taghha, dak iz-zmien tal-incident kienet bejn tlett elef u mitejn u tlett elef u hames mitt ewro ….Dak iz-zmien tal-incident kienet bejn tlett elef u mitejn u tlett elef u hames mitt ewro".*[30]

Ghaldaqstant fuq dawn il-provi l-prosekuzzjoni ppruvat din l-ewwel imputazzjoni**.**

Serq ta' Wallet Naxxar b'Detriment ta' Elaine Pavia

**L-Ispettur Elton Taliana** xehed kif certu Elaine Pavia rat persuna femminili iddur mal-karrozzi ipparkjati fil-pjazza tan-Naxxar u lemhet mara tifthila l-vettura taghha. Ikkonfrontatha hekk kif sabitha bil-wallet taghha (ta' Pavia)

[23] Fol.172-173
[24] **Dok.CC** a fol. 174 et seq.
[25] Fol.176
[26] Fol.272-273
[27] Fol.274
[28] Fol.275
[29] Fol.276
[30] Fol.283. **Dok.MM** a fol.285 et seq.

f'idha. Din taghtulha lura w din harbet minn Triq il-Labour ghal Triq il-Kbira. Hi kienet infurmat lill-pulizija li mill-ewwel telqu ghal warajha, sabuha w arrestawha. Borda rrifjutat li taghtihom il-*particulars* taghha.[31] Sadanittant gie nfurmat li anke l-Ispettur Casha kif ukoll l-Ispettur Ransley kienu qed jinvestigaw lil Borda. Borda kienet wanted peress li **kissret il-*bail conditions* billi ma baqghetx tiffirma l-ghassa skond il-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest** moghti b'digriet tal-Magistrat Galea Sciberras liema digriet gie esebit.[32] L-imputata kienet taht influwenza ta' droga u ghalhekk ma ttiehdietx verzjoni taghha.[33]

**Elaine Pavia** spjegat kif fid-29 ta' Mejju ipparkjat quddiem l-HSBC fil-pjazza tan-Naxxar. Kienet f'Otto Club House f'xi 8.30pm meta sejhilha ragel u qalilha li xi hadd fethilha l-karozza. *"Hemmhekk indunajt li jiena ma hrigtx il-card tal-karozza ghax il-karozza ma tissakkarx b'cavetta imma b'card li zzommha fil-but u kif tallontana mill-karozza, tissakkar. Ovvjament kif rajt hekk u hrigt fil-bieb, ghidtilha "halli l-bieba tal-karozza", qsamt it-triq u kienet bil-bieba tal-karozza miftuha. Dak il-hin ghalqet il-karozza.* ***Ghidtilha "ghalfejn ftahtli l-karozza?". Qaltli "skuzani, ma nergax"… … Umbghad minn hemmhekk ghidtilha "x'hadtli?", qaltli "xejn". Ghidtilha "zgur?", ghidtilha "urini x'ghandek fil-baskett".*** *Qaltli "tmissli xejn". Ghidtilha "jien m'jien se mmisslek xejn". Ghidtilha "just kemm qed nitolbok tiftah il-baskett". F'dak il-mument ghidtilha, "jiena lesta li nghinek, jiena nahdem fil-qasam socjali". Ghidtilha "lesta li nofrielek x'tiekol, x'tixrob". Ghidtilha "u lesta li nghinek". Qaltli "jiena hadd ma jista' jghini". Qaltli "jien ghandi l-problemi", qaltli "jien had ma jista' jghini". Ghidtilha "imma jiena lesta li nghinek". F'dak il-mument dort. Qaltli "tini numru fejn nista' nikkuntattjak". Dort mal-karozza biex ftaht il-baskett tax-xoghol biex inkun nista' ntiha card bin-numru tas-support fejn tista' tiehu l-ghajnuna u kif ftaht il-karozza, indunajt li l-portmoni kien nieqes.* ***Dak il-hin dort mal-karozza u dak il-hin precizament ghidtilha "tini l-portmoni".*** *Li jiena x'hin fethitli l-baskett ma kontx rajtu pero'* ***x'hin ghidtilha ezatt "tini l-portmoni", fethet il-baskett u qabdet u tatuli. F'dak il-mument ghidtilha "mela hadtli xi haga". Qaltli "skuzani".*** *Waslet karozza tal-pulizija u hi telqet minn fuq il-post fejn kien qed jigri dan kollu. Il-pulizija staqsini x'gara. Ghidtlu "is-sinjura li miexja lil hemmhekk fethitli l-karozza u haditli l-portmoni imma tatuli". Il-Pulizija resqu ghal hdejha. Ovvjament hi kif rat il-pulizija harbet tigri. Il-Pulizija marru ghaliha, zammewha……".*[34] Flus kellha madwar €400 u l-portmoni kien tad-ditta Furla u jiswa xi €200.[35]

---

[31] Fol.26
[32] **Dok.ET3** a fol. 29
[33] Fol.26-27
[34] Fol.45-47
[35] Fol.48

**PC1151** xehed kif fid-29 ta' Mejju, 2018, kif kien l-ghassa Naxxar l-*Orderly* infurmat li fil-pjazza tan-Naxxar kien hemm persuna femminili tagixxi b'mod suspettuz tmiss pumijiet ta' vetturi. Marru mill-ewwel u sabu zewg nisa jikkustinjaw. Kif avvicinaw wahda minnhom tbeghdet u ppruvat tahrab minnhom. Elaine Pavia stqarret li l-mara l-ohra kienet serqitilha l-wallet mil-vettura taghha. Ghalhekk marru wara l-mara li kienet telqet minn fuq il-post u din twaqqfet fi Triq il-Kbira fejn qaltilhom li l-*wallet* taghtulha lura. Gharaf lill-imputata bhala din il-persuna li meta staqsewha ghall-*particulars* bdiet itihom ismijiet differenti. Flimkien ma WPC383 Borda ttiehdet l-ghassa. Din taghthom indirizz u minn hemm irnexxilhom jiddentifikawha bhala Ruth Borda li kienet fuq il-*Wanted List*.[36]Kif Borda ndunat li saru jafu min hi, tat l-assalt u harbet mill-ghassa izda PC1260 zammha milli tahrab. Elaine Pavia halliet il-vettura Renault miftuha u ma kienx hemm hsarat maghha.[37]

**WPC383 Deborah Mifsud** filwaqt li taghat l-istess verzjoni tal-kollega PC1151, semmiet kif in-numru tal-karta tal-identita` li bdiet taghtiha Borda kienet wahda tappartjeni lil ragel. Isimha bidlitu xi tlett darbiet izda indirizz taghtulhom u minn hemm stabiliexxew l-identita` taghha. Kien f'dan il-hin li din ppruvat tahrab.[38]

**PC1260 Ronald Mercieca**[39] u **PC1027 Simon Micallef**[40] wkoll ikkonfermaw l-istess verzjoni moghtija minn PC1151.

**PS894 Alfred Cassar** xehed li kien tkellem ma Pavia li spjegatlu x'gara. Kpmpla li meta Ruth Borda ngiebet l-ghassa, ma bdietx taghti l-particulars taghha.[41] Esebixxa **Current Incident Report.** li sar ma PC1260 Mercieca. u li fih hemm deskrizzjoni ta' dak li sehh mertu tas-serq tal-portmoni ta' Elaine Pavia.[42] Hekk kif il-pulizija irnexxilhom jistabilixxu li l-persuna arrestata minnhom kienet Borda, hi tghat salt biex tahrab mill-ghassa.[43]

**PC1007 Jean Paul Pizzuto** stazzjonat il-Forensika, esebixxa *stills*[44] mahruga minn *footage*[45] ta' *cctv camera* f' Ta' Stringi Restaurant fin-Naxxar.[46] Fihom tidher

---

[36] Fol.159
[37] Fol.159-160
[38] Fol.167-168
[39] Fol.163-165
[40] Fol.170-171
[41] Fol.52
[42] **Dok.AC** a fol.54 et seq
[43] Fol.55
[44] **Dok.JPP** a fol.225
[45] CD **Dok.JPP1** a fol.224
[46] Fol.222.

persuna li f'ritratt minnhom tidher li hi l-imputata li l-ewwel tiftah il-bieba tal-passigier ta' vettura blu. Din l-istess persuna tidher ccirkondata minn nies kif ukoll minn ufficjali tal-pulizija. **PC787 Crispin Vella** xehed li kien hu li gabar il-*footage* minghand Ta' Stringi Restaurant u ghaddieh lil ufficjali tal-forensika.[47]

Fid-dawl ta' dawn il-provi, l-imputazzjonijiet numru 4 u 5 gew ampjament ippruvati.

<u>Serq ta' Audi li Nstabet Savoy Gardens b'Detriment ta' Austin Agius</u>

**L-Ispettur Jonathan Ransley** xehed kif fis-16 ta' Mejju, 2018, kien sar rapport li vettura Audi bin-numri CBX196 kienet qed tostakola garage gewwa Savoy Gardens, Gzira. Irrizulta li l-pjanci CBX196 ma kienux tal-Audi imma ta' Kia registrata fuq Austin Agius li meta mar fuq il-post ikkonferma li l-Audi kienet propjeta` tieghu.[48] Din kien ipparkjaha fil-11:30am fi Triq il-Lembi, Sliema u kien halliha miftuha bic-cavetta fiha. Il-pjanci kienu tieghu peress li kellu jiddepozitahom ma Transport Malta wara li scrappja l-Kia. Sid il-garaxx li kien gie ostakolat, informa lill-pulizija li uza l-garaxx tieghu fil-5am u sab l-Audi tostakolah x'hin irritorna fis-2pm. Fil-garage complex intlemah bieb ta' garaxx 129, propjeta` ta' Clayton Bezzina, miftuh u fih instabu affarijiet relatati mat-tehid ta' droga. L-Audi kienet msakkra bic-cavetta u kien ghalhekk li ssejjah Agius fuq il-post bil-hsieb li dan jiftaha. Din giet *towed* lejn il-parkegg ta' Zammit Clapp. **Clayton Bezzina u Robert Incorvaja infurmaw lill-pulizija li Borda kienet qed taghmel uzu mill-Audi**.[49] Fl-14 ta' Gunju, Austin Agius kien gab kopja tac-cavetta tal-vettura minghand Continental Cars u din infethet quddiem ix-xhud u *scene of crime officers*.[50]<u>Fuq wara instabet gakketta sewda li giet esebita</u>.[51] Gie osservat li s-seat tax-xufier kien mressaq il-quddiem, indikazzjoni li x-xufier kien ta' statura zghira.

**PS157 Brian Mifsud** spjega li fis-16 ta' Mejju, 2018, meta kienu xi l-4pm, l-ghassa tas-Sliema rceviet telefonata minghand Luke Giacchino li l-garaxx tieghu f'Savoy Gardens safa' bblokkat minn vettura.[52] Meta stharrgu n-*number plates "il-marka tal-vettura ma kienitx qed taqbel ghax filwaqt li l-karozza li kellna quddiemna kienet Audi, in-number plate kien qed jghajjat il-karozza Kia. Minhabba li ma bdewx jaqblu, ikkuntattjajna fuq min qieghed irregistrat dak in-number plate li kien*

[47] Fol.226
[48] Fol.34
[49] Fol.34-36
[50] Fol.37
[51] **Dok.JR**. Vide fol.41
[52] Fol.68

*certu Austin Agius u ghidnielu biex jigi fuq il-post. Huwa gie fuq il-post u ghamilna, ghalkemm gharaf li l-karozza kienet tieghu, pero' dawk in-number plates kienu ta' karozza ohra li huwa kellu li kien bieghha ghall-iscrap u kien qed izommhom fl-Audi biex imur jiddepozitahom it-Transport Malta. Kif kien fuq il-post huwa wkoll indikalna li fuq is-seat tal-passiggier ta' quddiem kien hemm gakketta li ma kienitx tieghu. Il-karozza. Hu kien qalli wkoll li dik il-karozza kien ipparkjaha ghal xi l-hdax u nofs (11:30) gewwa Triq Ghar il-Lembit, Sliema fejn kien halliha miftuha bic-cavetta go fiha u kien induna biss li kienet giet misruqa wara li kkuntattjajtu jiena biex jigi fuq il-post. Wara li gie, indikali l-gakketta li kien hemm fil-karozza illi ma kienitx tieghu u qalli wkoll li dik il-karozza kienet, kien ipparkjaha ghal habta tal-hdax u nofs go Triq Ghar il-Lembit, Sliema minghajr ma sakkarha u halla c-cavetta go fiha. Ic-cavetta ma kienitx qeghda hemm, allura ahna ma stajniex nifthu l-karozza. ….. waqt li konna qed ninvestigaw, sibna garaxx …..u f'dak il-garaxx sibna wkoll xi dokumenti bid-dettalji ta' certu Ruth Borda….. Kif konna hemm ukoll, gew zewg persuni biex jidhlu go dan it-tieni garaxx, certu Robert Incorvaja u Clayton Bezzina. Hin minnhom Clayton Bezzina ressaqni lejn il-genb u qalli "jaqaw dik il-karozza misruqa?" Ghidtlu "ghaliex?" Qalli "ma tridx titghallem". Ghidtlu "min?", qalli "Ruth". Ghidtlu "Ruth?" Qalli "Ruth Borda"…Raha gejja biha".*[53].

Esebixxa **Current Incident Report** redatt minnu.[54]

Il-verzjoni moghtija minn PS157 giet konfermata minn **PC729 Matthew Decelis** li wassal lis-surgent fuq il-post.[55]

**PC1059 Jamie Grech** beda biex spjega li wara rapport minn Luke Giacchino, mar fuq il-post f'Savoy Gardens, u mill-ewwel il-pulizija giha suspett li l-vettura kienet misruqa. Kif kienu fuq il-post **dahhlet Ruth Borda** u meta l-kollega tieghu WPC106 staqsietha x'marret taghmel, Borda qaltilha li kienu waqghulha c-cwievet.[56]

Ma jifdal ebda dubbju li b'xi mod **Borda kellha access ghal Savoy Gardens u l-garage complex**. Dan qed jinghad tenut kont tax-xhieda mressqa mill-abbli difensur tal-imputata!

**Luke Giacchino** xehed li cempel l-ghassa ta' Tas-Sliema wara li sab vettura Audi timblokka l-garage tieghu f'Savoy Gardens. Infurmahom bin-number plate taghha.[57]

---

[53] Fol.69-70
[54] **Dok.BM** a fol.75 et seq
[55] Fol.253-255
[56] Fol.192
[57] Fol.277-278

**PS586 Mario Azzopardi** u **WPS293 Michelle Marie Camilleri** pprezentaw rapport kongunt maghmul minnhom tal-vettura Audi meta kienet pparkjata fil-garaxx ta' Savoy Gardens. Tfittxijiet ghall-impronti digitali fuq barra tal-vettura ma taw l-ebda rizultat.[58] Saru tfittxijiet fil-garage complex u hemm instabu oggetti li gew mghoddija lil PS157. **PS122 Arthur Borg** esebixxa faxxikolu ritratti tal-vetturi Audi[59], li kif jixhed anke **PS157** din ittiehdet fil-parking ta' Zammit Clapp.[60]**PC959 Daniel Formosa** kien inkarigat jaghmel tfittxijiet ghall-impronti digitali fuq l-istess vettura, u esebixxa r-rapport tieghu. Fiha instabet impronta[61] u jispjega li meta nfethet mis-sid Agius, giet elevata minn go fiha gakketta sewda.

**Joseph Mallia** xehed li l-impronta li nstabet fil-vettura ma kienitx taqbel ma dik tal-imputata.[62] Jigi mfakkar dak li xehed l-Ispettur Ransley *"Irrizulta mis-search li sar fuq l-AFIS sinjura, is-sistema tal-forensic, li kien instab fingerprint li kien jghajjat lil certa Shaban Adan Almokadmi, ID card number 26913A. Kellimt lis-sur Agius jekk jafx lil dan Shaban. Infurmani li dan fil-fatt jahdem bhala, jahdem fil-car wash mal-Autodealer, mas-Sonic Autodealer. Mas-Sonic Autodealer. Fil-fatt ikkonfermajt ukoll li ftit qabel ma nsterqitlu l-karozza, kien hadha biex, jiehodha car wash.".*[63]

**WPC106 Sylvie Axiak** spjegat kif kienet l-ghassa Sliema meta rceviet telefonata li vettura kienet qed timblokka garage ta' certu Luke f'Level 1, Savoy Gardens, Gzira. Fuq il-post rat Audi gold CBX196. Rat in-number plate tan-naha ta' wara mal-art u gol-vettura fuq is-seat tal-passiggier kien hemm gakketta tal-gilda tan-nisa.[64]

**Dr. Marisa Cassar** xehdet li wara analizi ta' gakketta sewda, liema gakketta instabet fil-vettura Audi, inhareg profil genetiku ta' mara.[65] Riprodotta wara li gie estiz l-inkarigu taghha biex tqabbel ir-rizultat miksub minn anlizi fuq dik il-gakketta lu ma dak tal-imputata tiddikjara: ***"Jien ghamilt analizi ta' komparazzjoni bejn il-profil genetiku li kien inhareg mill-gakketta u l-profil genetiku ta' Ruth Borda u l-profil genetiku mill-gakketta kien imhallat imma parti minnu taqbel ma' ta' Ruth Borda*** *u l-probbabilita' li l-gakketta hija ta' Ruth Borda hija ta' three point three, two times ten to the three. [Qorti: Li tfisser?] Cans riedu jilbsuha tlett mitt elf ruh persuna ohra biex jigi li mhux taghha.... Hija cans fi tlett elef..... kieku libsuha tlett elef persuna dik il-gakketta, kien jimmetcja ma' Ruth*

---

[58] Fol.115A. **Dok.AC1** a fol.116 et seq.
[59] Fol.86. Faxxikolu mmarkat **Dok.AB** a fol. 88 et seq
[60] Fol.73
[61] Fol.109. Relazzjoni **Dok.DF** a fol.111 et seq
[62] Fol.243 et seq.
[63] Fol.38
[64] Fol.155-156
[65] Fol.98. Relazzjoni **Dok.MC** a fol.100 et seq.

*Borda xorta...... hu kien imhallat il-profil genetiku, jigifieri l-gakketta libisha xi haddiehor barra Ruth Borda….**Hi libsitha ehe**".*[66]

**Clayton Bezzina** xehed li hu kien sid ta' garage numru 129 f'Savoy Gardens. Jidhirlu li l-vettura li nstabet fil-kumpless kienet wahda tal-ghamla volvo kulur id-deheb li **marret biha Ruth Borda**.[67] Ghalkemm minghalih li l-vettura li ra lil Ruth biha u li giet ipparkjata fil-garage kienet volvo kulur dehebini, hu cert li din kienet insterqet tant li kien cempillu sidha, certu Austin Agius. *"Is-sid tal-karozza li kienet misruqa, issa jekk tieghu hija Audi, skuzani mhux Volvo imma Audi, tajjeb?"*.[68]

**Robert Incorvaja** spjega kif kien safa arrestat ma Bezzina wara li l-pulizija kienet marret fil-garage complex f'Savoy Gardens u sabu Audi misruqa. Ikompli *"Ta' min kienet ma nafx as such ghax imbaghad dak ir-ragel ta' min kienet gie hemmekk, gie hemmekk iddispjacut li ma kellux ic-cavetta u sab il-karozza hemmekk"*. Sa fejn jaf hu l-imputata kienet serqitha u sar jaf b'dan minghand Bezzina li kien johrog maghha. [69]Gharaf il-vettura bahala dik li ritratti taghha huma esebiti in atti.[70]

**Austin Agius** spjega kif kien sid ta' Audi A6 li kien ipparkjaha quddiem id-dar tieghu fi Triq Ghar il-Lembi, Sliema.[71] Kien halla c-cavetta mal-art tal-karrozza. Lahqu cemplulu l-pulizija qabel ma lahaq irraporta li naqset u dan ghaliex ghall-ewwel haseb li kien ipparkjaha band'ohra. Mar l-ghassa u ttiehded fil-garage compex ta' Savoy Gardens.[72] In-numru ta' registrazzjoni taghha hu ECB885 li kienu fil-luggage booth.[73] **Lill-imputata ma jafhiex** u l-valur tal-vettura kien ta' €4,500.[74] Jispjega *"Jien mort niehu l-café u inhallas il-kont, ghamilt nahseb siegha, siegha u kwart u mort lura u ma sibthiex hemm, tlajt id-dar ha ncempel lill-Ghassa u l-mara qaltli cemplulek l-Ghassa mill-ewwel iriduk l-Ghassa qaltli ghax sabu l-karozza u qbadt cempilt u s-Surgent qalli itla' hawn l-Ghassa ta' Tas-Sliema. Mort l-Ghassa ta' Tas-Sliema u nizluni fejn kienet il-karozza, pero' ghidtilhom li dan in-number plate tieghi personali imma mhux tal-karozza…. Kelli set number plates ta' karozza li skrappjajt….Kienu fil-luggage booth"*.[75] *Agius pprezenta ricevuti ta' kemm*

---

[66] Fol.201-203. Rapport **Dok.MC1** a fol.206-209
[67] Fol.140-141
[68] Fol.142
[69] Fol.268-269
[70] Fol.120 et seq
[71] Fol.210-211
[72] Fol.211
[73] Fol.212
[74] Fol.214
[75] Fol.217

*giet tiswa cavetta mingahnd Continental Cars Ltd li kellu jordnaha biex seta' jiftah il-vettura tieghu peress li kellu biss cavetta wahda ghaliha.*[76]

Dwar l-valur tal-Audi l-espert Mark Micallef jixhed: *"L-ammont, issa fuq l-Audi wkoll l-istess haga, dan is-sid lahaq partatha, bieghha l-karozza, ippruvajt nikkuntatja ghand min bieghha u uzajt program jien biex tellajt l-extras u l-affarijiet taghha. Harigli bil-kalkolu taghha li dak iz-zmien kienet tqum, jigifieri meta nsterqet, tlett elef u hames mija u erbat elef ewro."*[77]

**Jonathan Navarro Borg** jixhed li sabiex wiehed jidhol fil-garage complex irid ikollu *access card* li tinghatha lis-sidien jew kerrejja tal-garaxxijiet. Borda la kienet sid ta' garaxx u lanqas ta' propjeta` f'Savoy Gardens.[78] Jigi mfakkkar dak li xehed **PC1059 Jamie Grech** li waqt li kienu fuq il-post **dahhlet Ruth Borda** li nfurmat lill-kollega tieghu WPC106 li giet hemm peress li kienu waqghulha c-cwievet.[79]

Ma dan jizdied dak li jixhed Bezzina, li skond Incorvaja kien johrog mal-imputata, meta jghid li kienet Ruth li hadet il-vettura f'dak il-garage.

Iktar rilevanti minn hekk rrizulta li fil-vettura Audi kienet instabet gakketta li ma kienitx tapprtjeni lil Agius, u wara ezamijiet xjentifici rrizulta li dik il-gakketta kienet intlibset mill-imputata; liema persuna Agius lanqas kien jafha. Ghalhekk kif setghet dik il-gakketta li gie determinat kienet bla dubbju intlibset minn Borda, spiccat fil-vettura tieghu, meta Borda ma kellha ebda access legittimu ghal Audi??

Fid-decizjoni taghha **Il-Pulizija vs Lela Ristic,**[80] il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghamlet ezami *funditus* dwar dak li jikkostitwixxi prova indizzjarja jew kif ahjar maghrufa *'circumstantial evidence'*:

> At law the position in Malta relative to circumstantial evidence that can lead to a conviction was analysed in various judgments, including ***Il-Pulizija vs. Abderrah Berrad et***[81] decided by the Court of Magistrates (Malta) where the main principles were outlined as follows : -
>
> > Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'l fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn

[76] **Dok.AA** a fol.220-221
[77] Fol.284. **Dok.MM1** a fol.298 et seq
[78] Fol.361-362
[79] Fol.192
[80] Per Onor. Magistrat Aaron M. Bugeja; Deciza 16 ta' Dicembru, 2015
[81] Per Onor. Magistrat Consuelo Scerri Herrera; Deciza 19.05.2014; ***Il-Pulizija vs Abdellah Berrad, Youness Berrad.***

zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita'.

Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-gudikant jaccerta ruhu li **huma univoci**.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Lee Borg'**, fejn kien gie ritenut li **provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.**

Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li **kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih** u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra **kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu**.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fissitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil'**, "Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika."

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 edition para 10-3) b'referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kaz **Teper vs R** (1952) jghid:

"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference."

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Jannar, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**'.

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet ta' kif sehhet il-grajja.....

........[82]

Thus in order for a Court of Criminal Jurisdiction to be able to secure a conviction on the basis of circumstantial evidence:-

(a) it has to assess this evidence with a high degree of circumspection and attention (*if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another*);
(b) it has to be sure that a direct link is established between the alleged perpetrator and the offence itself – and no other person apart from the accused;
(c) it has to be univocal and not equivocal or ambiguous (*It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference*);
(d) it has to ensure the continuity of the chain of evidence;

(e) it has to be such that it leads the Court to conclude, solely on its basis that the accused committed the crime beyond a reasonable doubt.

Now in this case the clear evidence that shows the accused rummaging among the personal property of the Zammit family is taken from an incident that took place on the 20th June 2014 and not the 23rd May 2014. Can this piece of evidence lead to a presumption of fact in the sense that once the accused was seen rummaging on the 20th June 2014 then it was automatically and solely she who did the same and stole the €2000 on the 23rd May 2014? According to law,

---

[82] [Ghalhekk m'hemmx dubju li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin ghalkemm inghad sa minn dan l-istadju bikri tas-sentenza jidher li l-imputati li gew investigati a tempo vegine tal-investigazzjoni baqghu konsistenti fil-verzjoni tal-fatti taghhom sa meta xehdu l-Qorti viva voce minn jeddhom hames snin wara l-incident.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti ghandha tqies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta....

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konflingenti ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker'**:

"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one." Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".]

it is possible for a presumption of fact to arise from circumstantial evidence. According to Blackstone's **Criminal Practice,**[83] Lord Simon in **DPP v Kilbourne**[84] stated the following : -

> The Lord Justice-General (Lord Clyde) started his judgment: 'The question in the present case belongs to the department of circumstantial evidence. This consideration is vital to the whole matter …'
>
> Circumstantial evidence is evidence of facts from which, taken with all the other evidence, a reasonable inference is a fact directly in issue. It works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities.[85]

On the otherhand, according to Mr Justice Joseph Galea Debono in **Il-Pulizija vs James Abela,**[86] a presumption of fact :-

> "tqum fejn meta il-"fatti pruvati jkunu fihom infushom tant elokwenti li l-interpretazzjoni logika u naturali taghhom necessarjament u ragjonevolment twassal ghall-prova fi grad sodisfacenti ta' certu fatti." …..
> [emfazi tal-Qorti]

Issir riferenza wkoll ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Attard**:[87]

> Fi kliem **Sir Rupert Cross**, *'Presumptions of fact (praesumptiones hominis) are merely frequently recurring examples of circumstantial evidence, and instances which have already been mentioned are the presumption of continuance, the presumption of guilty knowledge arising from the possession of recently stolen goods and the presumption of unseaworthiness in the case of a vessel which founders shortly after leaving port. These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact'.*
>
> U fl-edizzjoni ta' l-2001 ta' **Archbold** jinghad hekk dwar presunzjonijiet ta' fatt: *'A presumption arises where from the proof of some fact the existence of another fact may naturally be inferred without further proof from the mere probability of its having occurred. The fact thus inferred to have occurred is said to be presumed, i. e. is taken for granted until the contrary is proved by the opposite party…And it is presumed the more readily, in proportion to the difficulty of proving the fact by positive evidence, and to the facility of disproving it or of proving facts inconsistent with it, if it really never occurred.'* [***Il-Pulizija vs Louis Gauci Borda*** *App Krim – 24/04/2002]."*
>
> Iggwidata ghalhekk b'dawn il-principji ta' dritt probatorju fil-kamp penali din il-Qorti allura tqies illi d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti kienet wahda gusta u li allura dik il-qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha. Dan ghaliex il-provi jistabbilxxu l-presunzjoni ta' fatt li kien l-appellanti u hadd iktar qieghed isuq vettura taht l-influwenza tax-xorb, liema provi qatt ma gew kontradetti minnu.

[83] 2013, F1.18 to F1.27

[84] [1973] 1 All ER 440 at 462; [1973] AC 729 at 758.

[85] Ara wkoll **Exall (1866)** 4 F&F 922 at 929 per Pollock CB.

[86] Qorti tal-Appell Kriminali; Deciza 11 ta' Lulju, 2002.

[87] Qorti tal-Appell Kriminali; Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.; Deciza 22 ta' Settembru, 2016; Appell Nru: 127/2016

Imbghad il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni taghha fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** [88] ddecidiet:

> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda ....... biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi. [sottolinejar tal-Qorti][89]

Ghalkemm is-sejbien tal-gakketta bil-profil genetiku tal-imputata misjuba f'karozza misruqa wahedha ma tipprovdix dik l-univocita` li kienet l-imputata li mhux talli libset il-gakketta in kwistjoni izda kienet hi li addiritura serqet il-vettura li fiha instabet, u dan ghalkemm ma ngabet ebda prova ohra ghaliex vettura misruqa kellha jkun fiha gakketta li ntlibset mill-imputata, jibqa' l-fatt li meta din il-prova cirkostanzjali tigi abbinata ma prova indizzjarja tax-xhud okulari Clayton Bezzina meta jghid li kienet l-imputata li marret bil-vettura fil-garage complex[90], maghdud ukoll il-fatt li ufficjali tal-pulizija ra lill-imputata fuq il-post fejn din iddikjarat li nizlet fil-garage complex peress li tilfet xi cwievet, ikomplu jsahhu t-tezi tal-prosekuzzjoni li l-Audi nsterqet mill-imputata.

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali il-Qorti tqis li anke din it-tielet imputazzjoni giet soddisafcentment ippruvata.

Ksur tal-Kundizzjonijiet tal-Helsien mill-Arrest

---

[88] Per Onor Imhallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella; Deciza 5 ta' Lulju, 2002.

[89] Vide ukoll mill-istess Qorti per Onor. Profs. H. Harding, Onor. Imhallef Joseph A. Herrera u Onor. Imhallef Carmel A. Agius, **Ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada; Deciza 15 ta' Mejju, 1990:** ***L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu ghall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-htija tieghu. L-indizji, biex jaghmlu prova, jehtieg li jkunu univoci.***

[90] Fol.140-142

**RPC3141 Janet Cicala** esebiet il-bail book[91] rigwardanti l-kaz *Pulizija vs Ruth Borda*. Tixhed li fost kundizzjonijiet din kellha tiffirma darba kuljum. Bdiet tiffirma fl-10 ta' Mejju, 2018 u ffirmat l-ahhar fit-12 ta' Mejju, 2018.[92]

Mal-*bail book* hemm anness id-digriet bil-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest, li kopja awtentikata tieghu giet esebita mill-Ispettur Elton Taliana.[93]Dawn il-kundizzjonijiet gew kkonfermati mill-ufficjal proskeutur f'dak il-kaz l-Ispettur Jonathan Ransley.[94]

Anke din l-imputazzjoni giet ppruvata sal-grad mistenni.

<u>Recidiva</u>

Giet prezentata sentenza fil-konfront tal-imputata minn fejn jirrizultaw il-konnotati taghha. Minn din is-sentenza jirrizulta li l-imputata giet ikkundannata sentejn habs nhar il-25 ta' Mejju, 2016.[95] Ghalhekk anke l-addebitu tar-recidiva gie ppruvat.

**Maria Mifsud,** ufficjal tal-Probation pprezentat Social Enquiry Report.[96] Xehdet hekk: *"harsa lejn il-fedina penali ta' Ruth Borda tindika li l-imputata l-ewwel darba li tresqet il-Qorti kien meta kellha erbgha u ghoxrin sena. Ta' min jinnota li hi kienet <u>instabet hatja fuq seba' kazijiet</u>. Rigward il-vittmi ta' dan il-kaz odjern jiena irnexxili nistabilixxi kuntatt ma tlett vittmi minn erbgha. Il-vittma kollha esprimew li huwa sfaw imwegga b' mod emozzjonali u wiehed minnhom b' mod finanzjarju minhabba li kellu jixtri karozza bi dejn. <u>Ta' min jinnota ukoll li wahda mill-vittmi inzertat tahdem fis-settur socjali u sahansitra offrit lghajnuna lil Ruth, imma Ruth irrifjutat.</u> Rigward trobbija Ruth ghaddiet minn hafna wegghat...... Ta' min jinnota ukoll li qisu waqt il-kumpilazzjoni tar-rapport jiena heggigta sabiex tiehu l-ghajnuna, biss hijab diet tghid li qisu ma tridx irbiet ma hadd u hi bhal issa tinsab tajba. Qisu minn naha tieghi rigward pjan ta' kura qisu l-iktar li rajt li huwa importanti huwa program residenzjali sabiex tibbenifika u tindirizza l-problema ta' droga, ghajnuna psikologika sabiex tahdem fuq l-issues taghha fejn jirrigwarda bereavement tal-genituri taghha kif ukoll issues sensittivi li qed jwassluha biex kull darba terga tirrikori ghal*

[91] **Dok.JC** a fol. 97 et seq.
[92] Fol.95
[93] **Dok. ETS** a fol.29
[94] Fol.185
[95] **Dok.JR1** a fol.39 et seq.
[96] **Dok.MM** a fol.313 et seq

*problema ta' droga, kif ukoll sabiex tigi mghejjuna f' residenza minhabba li jekk tohrog mill-habs hija ma ghandix residenza fejn tirrisjedi".*[97]

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qiset in-natura tar-reati li qed tinstab htija dwarhom, tal-karattru refrattarju tal-imputata fejn din anke kienet inkarcerata wara li ma gharrfitx issarraf l-opportunitajiet moghtija lilha biex tirriforma ruha. F'din il-fedina penali jiffiguraw bosta kundanni ghar-reat ta' serq u ghalhekk mhemmx dubbju li japplika l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali.

Fil-fehma tal-Qorti l-imputata ma ghandhiex rieda soda bizzejjed biex tfittex l-ghajnuna sabiex tinheles mill-vizzju li jidher jixprunha twettaq is-serq. Kif tixhed il-probabtion officer, wahda mid-derubati li tahdem fis-settur socjali, ukoll offriet tghin lill-imputata izda din irrifjutat tali ghajnuna.[98] Mhux biss izda anke irrifjutat ghajnuna mill-istess ufficjal tal-probation u dan peress li fi kliemha ma tridx "irbit"![99]

F'dan l-isfond il-piena li ghandha tigi erogata ser tkun wahda karcerarja. Din ghandha sservi sabiex l-imputata ssegwi wkoll programm ta' rijabilitazzjoni bil-ghan li tinhall mill-skjavitu` tad-droga.

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat l-artikoli 17(b)(c), 20, 31, 49, 50, 261(ċ)(f)(g), 267, 270, 271(g), 279(a)(b), 280(1), 281(a)(b), 289, 338(g), 579(1)(2)(3) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib l-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha, u tikkundannaha ghal **hames snin u tmien xhur prigunerija.**

Tordna l-**konfiska** favur il-Gvern ta' Malta tal-garanzija ta' **€7,500** hekk kif indikat fid-digriet ghall-helsien mill-arrest moghti mill-Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras fid-9 ta Mejju, 2018.[100] Inoltre` tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest imsemmi w tordna l-arrest mill-gdid ta' Ruth Borda.

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hatja thallas l-ammont ta' **€1,165.60** rapprezentanti spejjez peritali.

---

[97] Fol.310-311
[98] Fol.310
[99] Fol.311
[100] **Dok.ET3** a fol. 29

Inoltre` a tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hatja taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett snin sabiex tinghata l-ghajnuna kollha necessarja tikkumbatti l-vizzju tad-droga, kif ukoll tinghata kura psikjatrika w psikologika li tista' tirrikjedi.

Finalment in vista ta' dak kkonstatat mill-Ufficjal tal-Probation, tordna notifika ta' din is-sentenza lil Kap Ezekuttiv tal-Fondazzjoni Ghas-Servizzji ta' Harsien Socjali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**MAGISTRAT**